# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 242 :: LULJU, 2016



***Editur: Paul Vella***

paul.vella44@gmail.com


## IL-LAQGĦA LI TMISS SE TKUN NHAR IL-ĦADD, 31 TA' LULJU FIĊ-ĊENTRU MALTI TA' PARKVILLE, FIS-2.00 PM

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna. Għad hemm min għadu ma ħallasx tas-sena l-oħra. Ħudu ħsieb.

## FILMS TA' ISPIRAZZJONI: "Taare Zameen Par" *(kitba ta' Amanda Busuttil)*

F'din il-ħarġa ta' Lulju 2016, nixtieq nikteb dwar film Indjan bit-titlu: 'Taare Zameen Par' bil-Malti tfisser 'Bħall-istilel fid-dinja', li jittratta dwar ħajja ta' tifel li kellu d-Dyslexia u kif affettwatlu ħajtu.

Dan it-tifel kien qed jiġi mwarrab, irridikolat u jitqies bħal ħmar għaliex l-iskola kienet tarah bħala każ ta' falliment u kien diġa' qed jirrepeti sena skolastika doppja biex forsi jgħaddi mill-eżamijiet.

Dan it-tifel bl-isem ta' Ishaan, jispiċċa jaqa' f'dipressjoni meta missieru taqbiżlu bl-ikrah wara li falla jum skola u mar idur mal-Belt biex jiskartaha, għax l-iskola għalih kienet saret kastig. Dan it-tifel kellu ħuh bravu u fl-iskola kien imur tajjeb u l-ġenituri, kif jagħmlu ħafna, kienu joqogħdu jikkumparawhom flimkien. Allura Ishaan aktar kien iħossu imkisser għax ma ħassux 'bravu' bħal ħuh.

hemmhekk jaqa' f'ċerta solitudni, bogħod minn familtu u ma kien jaf lil ħadd.

Però Ishaan idum hekk sakemm għalliem ġdid tal-Arti jiskopri minn xiex kien ibati u minn ġo fih joħroġlu t-talent li Ishaan kien imżejjen bih: it-tpenġija li għal tifel ta' età żgħira bħal tiegħu, kienet fenominali. Ram Shankar, l-għalliem il-ġdid tal-Arti imur id-dar tal-ġenituri tat-tifel u jispjegalhom għalfejn Ishaan jaffaċċja dawk il-problemi fil-kitba u l-qari. Dan l-għalliem jorganizza kompetizzjoni tal-Arti u... (il-kumplament ser inħallih f'idejk biex tara l-film!) ὺ

Tassew hu film maħdum tajjeb, b'mużika mill-isbaħ u ta' ispirazzjoni għal kulħadd, b'mod speċjali għall-għalliema u l-familji li għandhom lil xi ħadd li qed jaffaċċja din il-kundizzjoni.

*Amanda Busuttil, 12 ta' Ġunju 2016*

## INHOBBOK! — *Fernanda Serrano* (addatt għall-Malti minn Leanne Ellul)




**Inħobbok!**, il-*picture book* il-ġdid ippubblikat mill-Merlin Publishers, huwa ċelebrazzjoni ta' waħda mill-iżjed rabtiet umani b'saħħithom li jeżistu – l-imħabba ta' omm lejn uliedha u l-imħabba tal-ulied lejn ommhom.

Skont minn liema naħa tiftaħ il-ktieb: minn naħa waħda nsibu lill-omm tgħid lil binha kemm tħobbu: "Inħobb narak toħlom maġenbi", u malli mbagħad iddawwar il-ktieb u tiftħu min-naħa l-oħra, issib lit-tifel jgħid lil ommu dak kollu li jħobb dwarha: "Inħobb ir-riħa tfuħ tiegħek". Dawn iż-żewġ rakkonti jiltaqgħu ħelu ħelu eżatt f'nofs il-ktieb, b'illustrazzjoni mill-isbaħ fejn l-imħabba tinfexx fi splużjoni ta' kuluri u emozzjonijiet.

Miktub oriġinarjament mill-awtriċi u attriċi famuża Portugiża Fernanda Serrano, bl-illustrazzjonijiet ta' Sandra Serra, Inħobbok! ġie addatt għall-Malti minn Leanne Ellul – awtriċi fost l-iżjed promettenti tal-ġenerazzjoni ġdida ta' kittieba Maltin – li rnexxielha tagħti ħajja Maltija lil din l-imħabba straordinarja, b'Malti ritmat u melodiku kif taf tikteb Ellul.

**Inħobbok!** jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet tal-kotba kollha jew *online* direttament minnwww.merlinpublishers.com




## DALWAQT IKUN GĦALL-BEJGĦ

### *Għaliex m'hemmx Kmandament li jgħid ċar u tond Ħobb lill-ħolqien?*

PAUL P. BORG jinseġ ġrajja mimlija avventuri ta' żagħżugħ Malti jismu Mosè li jemmen li Alla tah kmandament ġdid biex jiżdied mal-Għaxra li nafu bihom. Bħas-suldat li jkollu joqtol għal pajjiżu Mosè jibża' imma jaf ikun vjolenti, kif ngħidu, joqtol għall-ambjent: il-ġustizzja trid tkun ċlaqq plumm!

Min jeqred xagħra, ipattihielu. Min jaħraq ħarruba, ipattihielu. Min jgħarraq kelb, ipattihielu.

Fuq kollox dan hu ċelebrazzjoni ta' bidu ġdid fil-ħarsien tal-ambjent naturali u l-ħolqien ta' Malta tagħna.

# L-AĦĦAR MAJNATA — *Bertram Portelli*

Malli nistenbħu ta' kull filgħodu, inkunu qed nifthu tieqa għal esperjenzi ġodda li mhux kollha nkunu qed nistennewhom. Il-ħajja tlaqqagħna ma' diversi sitwazzjonijiet u ċirkustanzi differenti ta' nies li jkunu għaddejjin minn mumenti ta' tbatija u ta' persuni oħrajn li jwasslu lil ħaddieħor biex ibati minħabba kliem, azzjonijiet jew inkella attitudni ta' indifferenza.
Il-ġabra ta' novelli bl-isem ta' *L-Aħħar Majnata* ta' Bertram Portelli hija sforz biex jitlaħħmu ftit minn dawn l-esperjenzi li jġarrbu persuni differenti. Hemm esperjenzi li niltaqgħu magħhom fil-pubbliku; hemm esperjenzi diffiċli li jiġġarrbu bejn l-erba' ħitan tad-dar.
F'dawn il-ġrajjiet insibu karattri li jħossu l-weġgħa ta' għajrhom u oħrajn li huma kiesħa silġ għas-sofferenzi ta' ħaddieħor. Din il-ġabra hija sfida għall-qarrej biex imiss, anki jekk għal ftit, il-ġerħa li tnixxi d-demm ta' wħud mill-karattri li jixirfu f'dawn in-novelli.
Għalhekk, din id-damma ta' novelli hija mixja li se jagħmel kull qarrej huwa u jpassi u josserva kwadri differenti, bħal ritratti, ta' aspetti mill-ħajja soċjali li għalkemm nafu li jeżistu, mhux dejjem nieqfu u naħsbu sewwa dwarhom.
**Naomi** tinsab kuntenta li qalgħet dak kollu li kellha fl-istonku fil-ġimgħa tal-festa. **Jake** jixtieq igawdi festa bis-sens.
**Giovanna Abdilla Borg Costanzi** trid tara x'se tagħmel biex tnaqqas mill-ikel li qed tiekol waqt li **Abdullah** jixtieq qatra ilma fuq ilsienu.
**Kekina** qed tgħix ġo ċella f'darha għax xi tfal iddeċidew li jagħmlulha ħajjitha infern.
**David** ma jafx kif se jġib ruħu ma' sħabu meta dawn jibdew jgħajruh.
**Jonathan** jirritorna d-dar għall-aħħar darba mix-xogħol tiegħu għax il-lukanda għalqet.
**Iż-żrinġijiet** jirbħu l-elezzjoni u jibdew imexxu r-renju tal-annimali.
**Frederick** jattendi għall-funeral u jagħmel kif jgħidulu.
**Cristina** hija ferħana se ttir għax tinsab ċerta li se tmur sparata l-Ġenna wara mewtha. Almenu, hekk qed jgħidilha l-ktieb l-aħmar.
**Grezz** qiegħda tistenna lil bintha u lill-familja tagħha biex tqatta' l-Milied magħhom.
Il-**floor manager** qed jagħmel sinjal lil dawk li huma preżenti fl-*istudio* biex jagħmlu t-*tissues* m'għajnejhom taparsi qegħdin jibku.



# KAĊĊA - Ġabra ta' Poeżiji *(miġbura minn Patrick Sammut)*

L-idea ta' din l-antoloġija poetika hija li dawn il-poeżiji – miktubin minn 16-il poeta ta' etajiet differenti - ma jintilfux imma jinġabru f'post wieħed biex permezz tagħhom il-qarrejja jibqgħu jiftakru li minkejja li r-Referendum intrebaħ minn dawk li riedu li l-kaċċa fir-rebbiegħa ma tinqatax, xorta waħda l-kaċċa tibqa' qtil ta' kreaturi innoċenti. Antoloġija bħal din għandha wkoll tfakkar lill-kaċċaturi responsabbli li jobdu l-liġijiet li r-riżultat tar-Referendum t'April 2015 serva fuq kollox biex tinħoloq kuxjenza fost il-poplu Malti favur it-tjur li jpassu fuq il-gżejjer tagħna. Dawn il-kreaturi mhumiex tagħna imma huma wirt naturali dinji u għalhekk kull tajra li tinqatel hija tajra misruqa lill-popli tad-dinja kollha, inklużi uliedna u wlied uliedna li għadhom saħansitra ma twildux.
Hawn huma inklużi wkoll numru ta' poeżiji li nkitbu qabel ir-Referendum tal-2015 imma xorta waħda jintrabtu mas-suġġett jew jieħdu l-perspettiva ta' poeżiji-protesta kontra l-qtil tat-tjur jew il-perspettiva li tgħinna napprezzaw l-isbuħija ta' ħlejjaq bħal dawn. Hemm poeżiji fejn il-protesta tinħass b'saħħitha, f'oħrajn taħkem iktar ir-riflessjoni paċifika, f'oħrajn hemm is-sens romantiku li jitpaxxa u japprezza l-isbuħija u s-sempliċità ta' dawn il-ħlejjaq ċkejknin.



***Din l-antoloġija poetika ġiet miġbura mill-poeta Patrick J. Sammut*** *(ritratt fuq il-lemin)*


***Mill-ħabib tagħna f'Malta... ENZO GUSMAN***




Victoria Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**

# Ftit emails li nirċievu...

**Dawn huma ftit emails milli nirċievu. Nirringrazzjaw ukoll lil Charmaine Tanti, Lina Brockdorff, Carmel Mallia, Mario Tabone-Vassallo, Lawrence Camilleri, Carmen Baxter, Kav. Joe M. Attard, Mario Micallef u Charles Briffa li dejjem jieħdu l-ħin biex jiktbu b'ringrazzjament u kumplimenti. Grazzi**.

*Grazzi Paul. Bħas-soltu jservi ta' informazzjoni u ta' aġġornament għalina lkoll li nħobbu l-lingwa u l-letteratura ta' dan il-pajjiż.*

***Sergio Grech***

Grazzi ħafna, għażiż Paul. Napprezzaw li bis-saħħa tal-folju elettroniku tagħkom qed iżżommu b'konsistenza lil kulħadd aġġornat bix-xena letterarja u kulturali Maltija. Insellimlek

***Joe Borg***

*Grazzi Paul tal-Folju.. Inissel dejjem tbissima fost dawk li jkunu qed jistennewh b'ħerqa minn kontinent daqstant imbiegħed. Sliem u saħħa dejjem,*

***Patrick Sammut***

Għażiż Paul, Prosit u grazzi għall-Folju li għoġbok tibgħatli.

Inselli għalik ħafna.

***Prof. Oliver Friggieri***

*Għażiż Paul, Niżżikħajr tal-Folju Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria għax-xahar ta' Ġunju 2016. Din id-darba fil-qosor imma xorta dinjituż, xorta sabiħ, xorta interessanti.*

*Xorta waħda jidher l-isforz ġenwin, intellettwali, patrijottiku u popolari biex il-Letteratura Maltija tibqa' tiġġedded, titwessa' u titħaddem.*

*Dan huwa sens patrijottiku kontemporanju impulsiv, mingħajr bombastiċita' u trumbetti żejda, mingħajr xinxilli u frilli żejda, mingħajr fanfarri u estremiżmu. Napprezza ferm, li bqajtu Maltin, inti u l-istaff kollu tiegħek, li bqajtu Maltin tassew, Maltin kburin bl-identita' tagħkom. Titħasseb xejn li dan il-folju ħareġ b'inqas paġni mis-soltu, għax nista' naċċertak li xorta waħda hu folju serju bħal ħarġiet kollha ta' qablu.*

*B'imħabba:*

***Mario Griscti***

Grazzi ħafna minn qalbi Paul. L-istess xewqat lilkom missirijiet Maltin kif ukoll lil dawk uliedkom li saru wkoll missirijiet!

Kemm nixtieq li bogħod daqshekjk bejnietna m'hawnx! Imma dejjem nibqa' nafhulkom għall-interess ma jaqta' xejn fil-Malti.

Jien wasalt biex nippubblika l-ewwel volum ta' rumanz mimli avventuri favur l-ambjent. Semmejtu "Il-Kmandament Numru Ħdax - ħobb lill-ħolqien". Fih nisthajjel lil wieħed żagħżugħ Malti, jismu wkoll Mosè li jħossu mibgħut minn Alla biex iwassal kmandament ġdid, bħallikieku up-date tal-għaxar kmandamenti li kien ta lil Mosè Lhudi. Dan hu kmandament mogħti lilna hawn Malta u espliċitu biex nibżgħu għall-ambjent u nħobbu lill-ħolqien.

Alla nnifsu jieħu lil Mosè madwar Malta jara l-ħniżrijiet li wettaqna fl-ambjent, mil-iċken ħruq ta' biċċa ħarruba, sa xagħri mmiissrinh u saħansitra l-abort! Għax l-abort hu wkoll tkasbir kbir tal-ħolqien! Intant, il-ktieb joħroġ nhar il-Ġimgħa.

Nawguralek u lil sħabek. Jekk tkun taf b'xi ħadd nieżel lejn Malta, għarrafni u għarraf lilu wkoll u ngħaddilek kemm kotba jista' jieħu miegħu bħala omaġġ tiegħi.

Tisljiet u saħħa dejjem.
Tiegħek,
***Paul P. Borg***

## IL-ĦAJJA SIGRIETA TAN-NANNA ĠENOVEFFA" ISSA ĦAREĠ FIR-RUSSJA




"Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa" ta' Trevor Zahra, għadu kemm ġie ppubblikat fir-Russja, wara li diġà ġie ppubblikat fi Franza, u tliet xhur oħra se jkun ippubblikat fin-Norveġja. F'Malta ġie ppubblikat ukoll bl-Ingliż.
Bir-Russu ġie maqlub għall-Malti minn YANA PSAILA; Russa li tgħix Malta u miżżewġa Malti, u li taf bil-Malti aktar minn ċerti Maltin. Hija diġà ppubblikat poeżiji tagħha bil-Malti.
Fir-Russja l-ktieb ġie ppubblikat mid-dar tal-pubblikazzjoni prestiġjuża: Художественная Литература (Khudozhestvennaya Literature)
http://www.tsu.ru/
Fi Franza ġie ppubblikat mid-dar tal-pubblikazzjoni L'Harmattan http://www.editions-harmattan.fr/index.asp?navig=catalogue&obj=result
U f'Malta ġie ppubblikat bil-Malti u bl-Ingliż minn Merlin Publishers
http://www.merlinpublishers.com/book_search_mlt.php?textfield=The%20Secret%20Life%20of%20Nanna%20%C4%A0enoveffa

## Reazzjoni Pożittiva mill-Entitajiet tal-Malti għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill

Aħna, bħala sitt istituzzjonijiet u għaqdiet li naħdmu favur l-iżvilupp kontinwu tal-Ilsien Malti, nixtiequ nesprimu l-apprezzament tagħna lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti għax-xogħol imprezzabbli li qed iwettaq fuq l-istandardizzazzjoni tal-kitba tal-kliem mill-Ingliż li daħal fil-Malti.
Din il-ħidma sfiqa li ilha għaddejja sitt snin u tmexxiet minn esperti tal-lingwa bis-sehem attiv ta' għadd kbir ta' persuni interessati u ħaddiema fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-mezzi tax-xandir, it-traduzzjoni, il-pubblikazzjoni, il-lingwistika, u l-kitba kreattiva, wasslet biex il-Kunsill ippreżenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu f'seminar nazzjonali bħal dejjem miftuħ għal kulħadd nhar is-Sibt 18 ta' Ġunju 2016.
Aħna napprezzaw il-professjonalità tal-Kunsill u fl-istess ħin il-ħeġġa tiegħu li jisma' lil kulħadd u jdaħħal it-tibdil biss fejn hemm bżonnu. Għal darb'oħra, il-Kunsill għamel l-almu tiegħu biex jiddiskuti ma' dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-lingwa Maltija u jfisser fid-dettall kif wasal għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Inħeġġu lil dawk kollha li jixtiequ jsemmgħu leħenhom fuq il-kitba tal-kliem mill-Ingliż fil-Malti biex jieħdu sehem ukoll f'din l-aħħar fażi tal-konsultazzjoni pubblika qabel ma l-Kunsill iħabbar id-deċiżjonijiet finali tiegħu, kif inhu mitlub li jagħmel bil-liġi.
Aħna nemmnu li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti kapaċi jimxi b'dan il-mod professjonali u demokratiku għax huwa magħmul minn rappreżentanza wiesgħa ta' dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tal-iżvilupp ta' lsienna.
Minkejja l-fehmiet differenti li jeżistu fuq dan is-suġġett verament kumpless, apprezzajna ħafna, għal darb'oħra, il-kolleġġjalità u l-ispirtu ta' kollaborazzjoni li jeżistu bejn dawk kollha impenjati fil-qasam tat-tħaddim u l-iżvilupp tal-Malti. Kemm il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien kif ukoll aħna bħala għaqdiet u istituzzjonijiet ħdimna bis-sħiħ biex noħolqu dan l-ispirtu ta' kollaborazzjoni ħajja u fl-istess ħin dinamika.
Nirringrazzjaw lill-mezzi tax-xandir tal-interess tagħhom f'dawn ir-rakkomandazzjonijiet li ħabbar il-Kunsill waqt is-seminar nazzjonali tat-18 ta' Ġunju u nħeġġuhom biex fir-rappurtaġġ tagħhom jirriflettu kemm jistgħu l-kumplessità ta' dan il-fenomenu u r-raġunijiet lingwistiċi u kulturali li wasslu għar-rakkomandazzjonijiet. Dan huwa suġġett li m'għandux jiġi ttrattat bi preġudizzji jew b'simplifikazzjonijiet bla bżonn.
Din l-istqarrija qed tinħareġ minn dawn l-għaqdiet u l-istituzzjonijiet: L-Akkademja tal-Malti; L-Għaqda tal-Malti – Università
L-Għaqda tal-Qarrejja tal-Provi; Id-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta; L-Istitut tal-Lingwistika tal-Università ta' Malta; Id-Dipartiment tal-Malti tal-UOM Junior College

## SEBBELLIKU — *Carmel G. Cauchi*

SEBBELLIKU huwa ġenju dħuli li jitħabbeb ma' Jean-Paul b'mod mhux tas-soltu. Għall-ewwel jibda jidhirlu u jkellmu direttament permezz tal-internet minn fuq l-iskrin tal-laptop u tal-ismartphone u, aktar tard, jibda jiltaqa' miegħu personalment.

Fl-ewwel laqgħat Jean-Paul donnu jibża' minn Sebbelliku minħabba d-dehra stramba tiegħu u l-fatt li l-ġenju jaf ħafna dwaru. Imma mbagħad isiru ħbieb kbar.

Il-ġenju jgħid lil Jean-Paul li huwa jaf bix-xewqa sigrieta li għandu u lest li jgħinu jaqta' din ix-xewqa kbira. Imma l-ewwel iridu jgħaddu flimkien minn bosta avventuri x'aktarx strambi.

Fil-kamra ta' Jean-Paul ikun hemm armarju fil-ħajt li soltu jerfgħu fih xi ħwejjeġ u oġġetti oħra li ma jkunux jintużaw, imma, meta Sebbelliku jgħid lil Jean-Paul jiftħu, dan isib indana taraġ li tiżbokka fi Triq ix-Xaradi. Jean-Paul jinżel jimxi tul din it-triq u tibda sensiela ta' avventuri u problemi li kien jeħtieġlu jsolvi.




X'kienet ix-xarada li Jean-Paul kellu jsolvi fit-Torri l-Isfar? X'ġara meta ħalliel armat ħabat għal JP biex jisirqu? X'ġara meta żewġt ibniet żgħar riedu t-tnejn l-istess pupa? X'għamel JP meta tifel żgħir kien imsakkar f'karozza fix-xemx? Kif irnexxielu JP jgħin lil xwejjaħ jaqsam għadira b'nagħġa, lupu u qatta silla? U, fuq kolllox, x'kienet ix-xewqa sigrieta ta' JP ? U jirnexxilu Sebbelliku jagħmel li din ix-xewqa sseħħ?

# AĦBAR TA' MEWT: CHARLES MAGRO

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju, irċevejt email mingħand il-ħabib tagħna Emmanuel Attard Cassar fejn qalilna li Charles Magro, President tal-Għaqda Poeti Maltin ħalla din id-dinja.

Emmanuel bagħat ritratt ukoll li kien ittieħed jumejn qabel f'attivita` tal-Għaqda Poeti Maltin li tagħha kien President. Fir-ritratt hu qiegħed ikellem lit-tfal u lill-ġenituri tagħhom dwar il-poeżija. L-okkażjoni kienet il-premjazzjoni tal-konkors tat-tfal.

Aktar tard irċevejt mingħand ħabib ieħot tagħna li bagħat ukoll intervista li kien għamel ma' Charles Magro fis-sena 2008. Patrick qalli li nista' nuża xi partijiet minn din l-intervista li għal dan jien nirringrazzjah ħafna.

Minħabba l-limitu tal-ispazju, jien għażilt parti waħda mill-intervista, imma dawk li jixtiequ jaqraw l-intervista kollha jistgħu imorru f'din il-link: http://patrickjsammut.blogspot.com.au/2016/06/jitkellem-charles-magro-fintervista-tal.html

***M.** Meta, u fejn, twelidt?*

***T.** Meta missieri, Victor, iżżewweġ lil ommi, Ċettina, il-Gwerra kienet fl-eqqel tagħha, 1941. Missieri kien Steward fin-Navy Ingliża, u kien stazzjonat Kalafrana. Għalhekk, ommi u missieri marru joqogħdu Birżebbuġa, fejn twelidna jien u oħti, Marion. Jien twelidt fis-26 ta' Settembru 1943, u oħti sena warajja. It-tnejn tgħammidna fil-parroċċa ta' San Pietru.*

*Missieri kien minn Bormla, u ommi mill-Birgu. Ma tantx domna Birżebbuġa, għax malli twelidt jien missieri daħal jaħdem id-Dockyard, u morna noqogħdu Bormla, fejn għexna sakemm jien kelli xi tlettax-il sena. Bormla twieldu oħti Mary Grace u ħija Paul.*

*Minn Bormla morna l-Isla, u jien għext hemm sakemm iżżewwiġt lil Monica, imwielda Tanti, minn Ħal Tarxien, fl-24 ta' Diċembru 1972.*

*Mill-erbat aħwa jien biss iżżewwiġt. Fil-familja tagħna kellna ħafna xebbiet u ġuvintur li ma żżewġux. Monica u jien kellna tifla waħda, Lorraine, illum miżżewġa lil Michael, mill-Qrendi, u għandhom tifel, Matthias (illum 14), u tifel ieħor, Christian (illum 8).*

*Sa tliet snin ilu konna għadna familja sħiħa. Binti għamlet lil missieri u ommi bużnanniet. Iżda fil-31 ta' Jannar 2004 mietet ommi, u fis-17 ta' Awwissu 2007 miet missieri. It-tnejn mietu ta' 88 sena.*




**Poeżija ddedikata lil Charles Magro (1943-2016) President tal-Għaqda Poeti Maltin li miet il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju.**

### ISSA QSAMT IL-PONT

Issa qsamt il-pont
u mort fuq in-naħa l-oħra.
Issa qiegħed fuq in-naħa li ħdimt għaliha
fuq in-naħa li ppriedkajt b'konvinzjoni
fuq in-naħa li xandart b'mod poetiku.
Ħajtek kienet mill-bidu sat-tmiem mixja
lejn din id-direzzjoni:
id-direzzjoni li twasslek fi ħdan il-Mulej.
Għalliem u kittieb
trejdunjonista u raġel tal-familja
li lilha tajt rispett u lilek irrispettat;
membru f'diversi kumitati
attiv u dinamiku
u f'kull rwol kont edukatur u poeta
u dawn iż-żewġ missjonijiet qdejthom
b'imħabba u entużjażmu.
Hekk niftakrek – tħossu dmir tiegħek
li titkellem, li tgħallem, li tispjega
u jekk hemm bżonn iċċanfar,
bħal ma jagħmel poeta rispettabbli
u fil-baħar imqalleb tat-tmermir tal-prinċipji
ma xekklek xejn milli titkellem
ċar u sod u b'mod kostanti
il-prinċipji nsara li għaddewlek
li għożżejt u li anki envanġelizzajt permezz tal-poeżija tiegħek.
Mill-iżgħar neputi tiegħek
sal-ixjeħ wieħed minna
aħna lkoll xhieda ta' personalita b'saħħitha
u preżenza li n-nuqqas tagħha se jibqa' jinħass qatigħ.
Għix issa t-tgawdija
tat-twemmin li ggwidak f'kull ma għamilt.
Bit-tifkiriet tagħna u bil-kitbiet tiegħek
se tibqa' tkun għalina edukatur, poeta
trejdunjonista, attiv u dinamiku,
raġel tal-familja
u fuq kollox uman
li ta kontribut biex aħna, in-nies ta' madwaru,
nagħmlu differenza netta bejn dak li hu fieraħ u dak li hu essenzjali,
bejn dak li jqarribna lejn is-sewwa u dak li jbegħdna.
Strieħ għażiż Charles
Il-missjoni tiegħek qdejtha tajjeb tassew.

***Emmanuel Attard Cassar***
***Ġunju, 2016***

**Nirringrazzja lil Joe Borg, Patrick Sammut, Sergio Grech, Emmanuel Attard Cassar, l-Akkademja tal-Malti u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta li nirċievu mingħandhom. Grazzi wkoll lil Rose Lofaro għall-għajnuna li nirċievi. Grazzi u napprezza ħafna.**